**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 24 ta' Mejju 2023**

**<u>Rikors nru : 209/2023 AGV</u>**

**NM**

**Vs**

**DS**

**Il-Qorti ;**

**Rat ir-Rikors Guramentat ta' NM datat 13 ta' April 2023;**

Tesponi bir-rispett u bil-gurament tikkonferma:

1. Illi l-partijiet izzewgu nhar it-tmintax ta April tas-sena elfejn u hmistax (18/04/2015) fil—Knisja ta Sant Antnin ta Marsascala (kopja vera tac-Certifikat taz-zwieg qed jigi anness u mmarkat bhala DOK A);

2. ILLI minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal u cioe A  u O ahwa S ;

3. Illi A S twieldet nhar is-sibt 25 ta Mejju tas-sena 2013, mentri OS twieldet nhar is-26 ta Gunju tas-sena 2014 ( kopja tac-certifikati tat-twelid qed jigu annessi u mmarkati bhala DOK B U DOK C;

4. Illi l-partijiet ilhom separati de jure permezz ta kuntratt ta separazzjoni datat Tmineja ta Novembru tas-sena Elfejn u Tmintax (08/11/2018) liema kuntartt gie awtrizzat minn din l-Onorabbli Qorti, u  li huwa fl-atti tan Nutar Malcolm Camilleri ( kopja vera ytal-Kuntratt tas-separazzjoni qed jigi anness u mmarkat bhla DOK D)

5. Illi ghaldaqstant m'hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet ;

6. Illi m'hemm ebda manteniment dovut;

7. Illi l-partijiet qeghdin jghixu hajja totalment separata minn xulxin u illum il-gurnata ghandhom il-hajja taghhom u ghaldaqstant ma tezisti l-ebda possibilita ta rikonciljazzjoni :

8. Illi l-esponenti tixtieq tirriverti ghal kunjomha xebba u cioe M:

9. Illi dawn il-fatti hawn fuq immsemmija jissosdisfaw ir-rekwiziztit kollha mehtiega ghal-ksib ta divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili (Kap 16) tal-Ligijiet ta Malta;

10. Illi ma dan ir-rikors qed jigi anness l-affidavit tal-esponenti nfisha (Affidavit qed jigi anness u mmarkat bhala DOK C).

**Ghaldaqstant u in vista tas-suespost l-esponent umilment qed jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex;**

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg li gie ccelebrat nhar it-Tmintax t' April tas-sena Elfejn u Hmistax (18/04/2015) fil-knisja ta' Sant Antnin Marsascala;
2. Tordna lir-Registartur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-poartijiet biex dan jigi registrat fir-registru Pubbliku.

Rat li l-intimat, debitament notifikat, ma ppresentax risposta.

Rat li, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet **iccelebrat nhar it- 18 ta' April 2015.**

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**